


# REGIOSTARS 2024

## GWIDA GĦALL-APPLIKANTI

Werrej

REGIOSTARS 2024 .......... 4
Kategoriji tal-Kompetizzjoni .......... 6
Kriterji ta' Eliġibbiltà u tal-Premjijiet .......... 16
Skeda taż-żmien .......... 17
Tabella ta' Konverżjoni .......... 17

# REGIOSTARS 2024

Ir-REGIOSTARS huma l-kompetizzjoni annwali organizzata mid-DĠ REGIO mill-2008: din saret it-tikketta ta' eċċellenza tal-Ewropa għal proġetti ffinanzjati mill-UE, li juru l-impatt u l-inklużività tal-iżvilupp reġjonali. Fl-2024, il-proġetti jikkompetu f'ħames kategoriji, dettaljati hawn taħt. Billi ressqu soluzzjonijiet għal sfidi komuni u sfruttaw l-akbar opportunitajiet, ir-REGIOSTARS ispiraw lir-reġjuni biex iwettqu politika reġjonali tal-UE li tħalli impatt dejjem akbar. Aħna nħeġġu applikazzjonijiet minn reġjuni relattivament anqas żviluppati fl-Ewropa u mill-oqsma kollha tal-programm. Il-pjattaforma tal-applikazzjoni online hija miftuħa sal-31 ta' Mejju 2024.

Ir-REGIOSTARS jingħataw lil proġetti f'ħames kategoriji.:

- **Kategorija 1) EWROPA KOMPETITTIVA U INTELLIĠENTI**

  *Il-promozzjoni tal-kompetittività, l-innovazzjoni u r-reżiljenza ekonomika*
- **Kategorija 2) EWROPA EKOLOĠIKA**

  *It-tranżizzjoni ekoloġika bħala l-faċilitatur tal-iżvilupp reġjonali*
- **Kategorija 3) EWROPA KONNESSA**

  *It-tisħiħ tal-mobbiltà u tal-konnettività bejn ir-reġjuni*
- **Kategorija 4) EWROPA SOĊJALI U INKLUŻIVA**

  *Il-kisba ta' Ewropa aktar inklużiva billi jiġu sfruttati t-talenti reġjonali*
- **Kategorija 5) EWROPA EQREB TAĊ-ĊITTADINI**
  *It-trawwim tal-iżvilupp sostenibbli tat-tipi kollha ta' territorji*

Panel ta' akkademiċi ta' livell għoli fl-oqsma rispettivi se jivvaluta l-applikazzjonijiet sottomessi u jagħżel il-finalisti. Il-finalisti mbagħad jiġu mistiedna għal "rawnd finali" ta' għażla matul il-Ġimgħa Ewropea tar-Reġjuni u l-Bliet fi Brussell.

Bħal fis-snin preċedenti, il-pubbliku se jkollu l-opportunità li jivvota għall-finalist favorit tiegħu għall-Premju tal-Għażla Pubblika. Ir-rebbieħa kollha se jitħabbru waqt iċ-ċerimonja tar-REGIOSTARS, li se ssir ukoll matul il-Ġimgħa Ewropea tar-Reġjuni u l-Bliet.

Ir-rebbieħa tal-ħames kategoriji u r-rebbieħ tal-premju tal-għażla pubblika se jiksbu kampanja ta' komunikazzjoni lokali ġestita f'kooperazzjoni mad-DĠ REGIO għall-promozzjoni tal-attivitajiet ippremjati fir-reġjun.

Din il-gwida għall-applikanti tagħtik deskrizzjoni dettaljata tal-kategoriji tal-premjijiet u tal-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-premjijiet. It-tweġibiet għall-mistoqsijiet frekwenti jistgħu jinstabu fid-dokument tal-FAQ (bl-EN biss) disponibbli fuq il-pjattaforma tal-kompetizzjoni.

Qed nistennew bil-ħerqa li nirċievu l-applikazzjoni tal-proġett tiegħek, u nawgurawlek li tmur tajjeb!
It-tim tar-REGIOSTARS

# Kategoriji tal-Kompetizzjoni

## Kategorija 1 – Ewropa kompetittiva u intelliġenti

*Il-promozzjoni tal-kompetittività, l-innovazzjoni u r-reżiljenza ekonomika*

Il-Kategorija 1 tiffoka fuq proġetti b'appoġġ għall-Objettiv ta' Politika 1, biex tinkiseb Ewropa kompetittiva u intelliġenti billi jiġu promossi t-trasformazzjoni ekonomika innovattiva u intelliġenti u l-konnettività reġjonali tal-ICT.

Mill-1993, is-Suq Uniku huwa fil-qalba tal-proġett Ewropew, u jippermetti lill-persuni, is-servizzi, il-prodotti u l-kapital jiċċaqilqu liberament, filwaqt li joffri opportunitajiet għan-negozji Ewropej kif ukoll għażla akbar u prezzijiet aktar baxxi għall-konsumaturi. Huwa s-sinsla tar-reżiljenza tal-Ewropa. Huwa jippermetti liċ-ċittadini jivvjaġġaw, jgħixu, jaħdmu jew jistudjaw kull fejn jixtiequ. B'mod ġenerali, huwa jgħin lill-bliet u lir-reġjuni Ewropej japprofondixxu l-integrazzjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea. Huwa objettiv ewlieni li jiġi pprovdut suq uniku mingħajr intoppi, fejn kumpaniji ta' kull daqs u fi kwalunkwe settur ikunu jistgħu jikkompetu b'termini ugwali, u jkunu jistgħu jiżviluppaw, jikkummerċjalizzaw u jużaw teknoloġiji, prodotti u servizzi diġitali fuq skala li tagħti spinta lill-produttività u lill-kompetittività globali tagħhom, u fejn il-konsumaturi jistgħu jkunu kunfidenti li d-drittijiet tagħhom huma protetti. Permezz ta' suq uniku, l-Unjoni Ewropea hija impenjata li ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha fis-suq globali, issir attur diġitali globali, u tipprovdi ekonomija diġitali ġusta u kompetittiva.

Il-Kummissjoni hija determinata li tagħmel dan id-"Deċennju Diġitali" tal-Ewropa u b'hekk timplimenta viżjoni sostenibbli u ċċentrata fuq il-bniedem għal soċjetà diġitali filwaqt li timmira għas-sovranità diġitali. L-istrateġija diġitali tal-UE għandha l-għan li tagħmel din it-trasformazzjoni taħdem għan-nies u għan-negozji, filwaqt li tgħin biex tintlaħaq il-mira tagħha ta' Ewropa newtrali għall-klima sal-2050. It-tranżizzjoni doppja – it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – għandha idealment tirrinforza waħda lill-oħra. Dawn it-tranżizzjonijiet jirrinforzaw is-sejħa tas-swieq tax-xogħol għal ħaddiema bi kwalifiki għoljin u b'ħiliet għoljin. It-taħriġ mill-ġdid, it-titjib tal-ħiliet, u r-riintegrazzjoni fis-swieq tax-xogħol huma għalhekk kruċjali biex jiġi żgurat li t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jkunu soċjalment ekwi u ġusti.

Qed infittxu proġetti tajbin li jippromwovu trasformazzjoni ekonomika innovattiva u intelliġenti f'konformità mal-għanijiet tat-tranżizzjoni doppja. Dan jinkludi proġetti li jtejbu l-proċessi ta' diġitalizzazzjoni, il-ħiliet u juru approċċi innovattivi għall-implimentazzjoni ta' Strateġiji ta' Riċerka u Innovazzjoni li jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati, jew li jrawmu l-aġendi tal-bliet u l-irħula intelliġenti. Proġetti li jħejju lill-SMEs Ewropej biex jikkompetu f'ekonomija globalizzata huma milqugħa u jistgħu jinvolvu, pereżempju, attivitajiet li jiżviluppaw teknoloġija u prodotti ġodda, itejbu s-sistemi ta' innovazzjoni, jibnu l-kompetittività permezz tad-disinn u l-industriji kreattivi,

irawmu l-intraprenditorija soċjali, itejbu l-innovazzjoni soċjali u tas-servizzi, jappoġġaw mudelli ġodda ta' negozju u innovazzjonijiet ibbażati fuq il-prattika. Il-kontribut għal sistemi ta' innovazzjoni reġjonali sostenibbli, l-appoġġ għall-awtonomija industrijali tal-Ewropa jew il-promozzjoni tas-suq tax-xogħol fl-industriji diġitali jistgħu jkunu karatteristiċi ta' tali proġetti.

Referenzi utli

- Id-Deċennju Diġitali Ewropew: https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/policies/europes-digital-decade
- L-Istrateġija Industrijali Ewropea: https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/europe-fit-digital-age/european-industrial-strategy_mt
- Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku Ewropew: https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/european-green-deal/green-deal-industrial-plan_mt
- L-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep: https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/europe-fit-digital-age/european-chips-act_mt
- It-Tranżizzjoni Doppja: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/jrc-news-and-updates/twin-green-digital-transition-how-sustainable-digital-technologies-could-enable-carbon-neutral-eu-2022-06-29_en
- Il-Pjattaforma ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti: https://s3platform.jrc.ec.europa.eu
- It-30 anniversarju tas-suq uniku: https://single-market-economy.ec.europa.eu/single-market/30th-anniversary_en
- It-30 Sena mis-Suq Uniku: https://single-market-economy.ec.europa.eu/publications/single-market-30_en
- L-Irħula Intelliġenti Ewropej: https://ec.europa.eu/enrd/smart-and-competitive-rural-areas/smart-villages/smart-villages-portal_en.html

# Kategorija 2 – Ewropa Ekoloġika

## *It-tranżizzjoni ekoloġika bħala l-faċilitatur tal-iżvilupp reġjonali*

Il-Kategorija 2 tiffoka fuq proġetti b'appoġġ għall-Objettiv ta' Politika 2, biex tinkiseb Ewropa ekoloġika u reżiljenti billi jiġu promossi t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u ġusta, l-investiment ekoloġiku u blu, l-ekonomija ċirkolari, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji, u l-mobilità urbana sostenibbli.

L-Unjoni Ewropea tistinka biex tkun l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050. Bil-Patt Ekoloġiku Ewropew ambizzjuż, l-Unjoni Ewropea għandha l-għan li ttejjeb il-benesseri u s-saħħa taċ-ċittadini u tal-ġenerazzjonijiet futuri billi tipprovdi (1) arja friska, ilma nadif, ħamrija u bijodiversità b'saħħithom, (2) bini rinnovat u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, (3) ikel tajjeb għas-saħħa u affordabbli, (4) aktar trasport pubbliku, (5) enerġija aktar nadifa u innovazzjoni teknoloġika nadifa mill-aktar avvanzata, (6) prodotti li jservu aktar li jistgħu jissewwew, jiġu riċiklati u jintużaw mill-ġdid, (7) impjiegi li jibqgħu validi fil-futur u taħriġ fil-ħiliet għat-tranżizzjoni kif ukoll (8) industrija globalment kompetittiva u reżiljenti.

Fil-qalba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew hemm il-preservazzjoni u l-protezzjoni tal-ibħra, tal-oċeani u tal-ambjent tal-Ewropa li huma sors ta' ġid naturali u ekonomiku għall-Ewropa. B'mod ġenerali, dan jinkludi l-protezzjoni tal-bijodiversità u tal-ekosistemi tal-UE, it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija, il-bidla lejn ekonomija ċirkolari, it-titjib tal-immaniġġjar tal-iskart u l-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-ekonomija blu.

Il-Patt Ekoloġiku jipprovdi qafas importanti għal varjetà ta' inizjattivi. Bil-Pjan REPowerEU, l-UE għandha l-għan li tappoġġa l-iffrankar tal-enerġija, il-produzzjoni ta' enerġija nadifa u d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija. Biex tinkiseb in-newtralità klimatika, il-Kummissjoni pproponiet il-Liġi Ewropea dwar il-Klima, li tistabbilixxi wkoll mira ġdida u aktar ambizzjuża għat-tnaqqis tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra ta' mill-anqas -55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livell tal-1990. Ir-Regolament dwar l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF, rivedut fl-2023) jistabbilixxi kif is-settur tal-użu tal-art jikkontribwixxi għall-għanijiet klimatiċi tal-UE b'mira separata ta' assorbiment nett tal-karbonju bbażata fuq l-art ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ sal-2030**.**

L-Ewropa qed timmira wkoll għal bidla fis-sistema agrikola u alimentari li tagħmel lill-UE l-mexxejja globali f'termini ta' sikurezza, sigurtà tal-provvista, nutrizzjoni u kwalità. L-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, pereżempju, għandha l-għan li taċċellera t-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel sostenibbli. It-tranżizzjoni ekoloġika tal-Ewropa tista' tkun ukoll mutur għat-tranżizzjoni diġitali, enerġetika u industrijali tal-Ewropa kif previst mill-hekk imsejħa tranżizzjoni doppja. Il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta jappoġġa t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima billi jappoġġa t-territorji li huma l-aktar intensivi fil-karbonju jew li fihom jgħixu l-aktar nies li jaħdmu fil-fjuwils fossili.

Qed infittxu proġetti tajbin li jippromwovu Ewropa aktar ekoloġika u aktar reżiljenti u li jgħinu biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku tal-Unjoni Ewropea dwar in-newtralità klimatika u jtejbu l-kundizzjonijiet ambjentali. Fost l-oħrajn, il-proġetti jistgħu jinkludu investimenti f'inizjattivi ekoloġiċi li jtejbu l-kwalità tal-arja u tal-ilma, jippromwovu l-agrikoltura sostenibbli, jippreservaw is-sistemi ambjentali. Il-ħolqien ta' ekonomija ċirkolari effettiva, it-trasformazzjoni lejn ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi jew it-tranżizzjoni lejn sorsi ta' enerġija rinnovabbli jistgħu jkunu wkoll karatteristiċi ta' tali proġetti.

Referenzi utli

- Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima: https://climate.ec.europa.eu/eu-action/european-climate-law_en
- Il-Patt Ekoloġiku Ewropew: https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/european-green-deal_mt
- Mill-Għalqa sal-Platt: https://food.ec.europa.eu/horizontal-topics/farm-fork-strategy_en
- Il-Politika Ambjentali: https://environment.ec.europa.eu/index_en
- Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku: https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/european-green-deal/green-deal-industrial-plan_mt
- Ir-regoli tal-UE dwar l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF): https://climate.ec.europa.eu/eu-action/land-use-sector_en
- Il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/european-green-deal/finance-and-green-deal/just-transition-mechanism_mt#:~:text=Territorial%20just%20transition%20plans%20define,to%20be%20met%20by%202030.

# Kategorija 3 – Ewropa Konnessa

*It-tisħiħ tal-mobbiltà u tal-konnettività bejn ir-reġjuni*

Il-Kategorija 3 tiffoka fuq proġetti b'appoġġ għall-Objettiv ta' Politika 3, biex jittejbu l-mobbiltà u l-konnettività.

Infrastruttura konnessa, moderna, sigura u intelliġenti se tkun kruċjali biex tinkiseb il-koeżjoni u biex jitwettaq il-Patt Ekoloġiku Ewropew. Bħala tali, l-Unjoni Ewropea hija impenjata li tappoġġa l-iżvilupp ta' networks trans-Ewropej bi prestazzjoni għolja, sostenibbli u interkonnessi b'mod effiċjenti fl-oqsma tat-trasport, tal-enerġija u tas-servizzi diġitali. Il-politika tat-trasport fil-livell Ewropew għandha l-għan li tiżgura l-moviment bla xkiel, effiċjenti, sikur u liberu tal-persuni u tal-merkanzija madwar l-UE permezz ta' networks integrati li jużaw il-modi kollha tat-trasport (bit-triq, bil-ferrovija, bl-ilma u bl-ajru).

Il-Politika dwar l-Enerġija taħdem għal sistema tal-enerġija madwar il-kontinent kollu fejn l-enerġija tgħaddi liberament bejn il-fruntieri, abbażi ta' kompetizzjoni b'regolamentazzjoni effettiva tas-swieq tal-enerġija fil-livell tal-UE fejn meħtieġ, u biex tipprovdi provvista tal-enerġija sigura liċ-ċittadini. Bħala tali, il-politika tiddeskrivi l-għan ta' Unjoni tal-Enerġija reżiljenti b'objettivi klimatiċi ambizzjużi fil-qalba tagħha. Dan ifisser li l-konsumaturi tal-UE – l-unitajiet domestiċi u n-negozji – jiġu pprovduti b'enerġija sikura, sostenibbli, kompetittiva u affordabbli.

Fl-istess ħin, fl-Istrateġija Diġitali tagħha, l-UE tifformula l-għan li l-Ewropa tkun l-aktar kontinent konness sal-2030. Sabiex jinkiseb dan, pereżempju, l-UE qed tiżviluppa regoli armonizzati għas-servizzi ta' konnettività, introduċiet il-kodiċi Ewropew għall-komunikazzjoni elettronika, tappoġġa n-networks bla fili. L-għan ewlieni għall-konnettività fid-Deċennju Diġitali huwa li jkun hemm aċċess għal kopertura tal-internet b'veloċità għolja għal kull unità domestika Ewropea sal-2025 u konnettività f'Gigabit sal-2030. Il-Programm Diġitali tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa jappoġġa pereżempju tnax-il "kuritur transfruntier diġitali", stabbiliti biex jakkomodaw testijiet diretti tal-5G għal Mobbiltà Konnessa, Kooperattiva u Awtomatizzata. Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa tkompli tappoġġa investimenti li jimlew il-konnessjonijiet nieqsa fis-sinsla tal-enerġija, tat-trasport u dik diġitali tal-Ewropa.

Qed infittxu proġetti tajbin li jippromwovu t-twettiq ta' Ewropa aktar konnessa. Dan jinkludi proġetti li jappoġġaw soluzzjonijiet ta' mobbiltà effiċjenti, sikuri u ekoloġiċi fi ħdan l-UE u joħolqu l-kundizzjonijiet għal industrija kompetittiva li tiġġenera t-tkabbir u l-impjiegi. Dawn jistgħu jinkludu wkoll kwistjonijiet wesgħin bħad-drittijiet tal-passiġġieri jew il-fjuwils nodfa. Il-proġetti jistgħu jgħinu wkoll biex jintlaħqu l-għanijiet tan-Networks Trans-Ewropej fil-qasam tal-enerġija, tat-trasport jew tal-konnettività diġitali. B'mod espliċitu, il-proġetti jistgħu juru l-iżvilupp ta' infrastruttura ġdida tal-enerġija jew tat-trasport, jew ir-riabilitazzjoni jew l-aġġornament ta' waħda eżistenti. Huma jistgħu juru wkoll l-iżvilupp ta' infrastruttura ta' prestazzjoni għolja sikura, sigura u sostenibbli inklużi n-networks Gigabit u 5G; żieda fil-kapaċità u r-reżiljenza tal-infrastrutturi diġitali bażiċi; jew id-diġitalizzazzjoni tan-networks tat-trasport u tal-enerġija.

Referenzi utli:

- L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa: https://www.europarl.europa.eu/factsheets/mt/sheet/64/digital-agenda-for-europe
- Il-Politika dwar l-Enerġija: https://www.europarl.europa.eu/factsheets/mt/sheet/68/energy-policy-general-principles
- L-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2015:80:FIN
- It-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa: https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/european-green-deal/energy-and-green-deal_mt
- Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa: https://cinea.ec.europa.eu/programmes/connecting-europe-facility_en
- Il-kurituri transfruntiera 5G: https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/cross-border-corridors
- Il-Politika tat-Trasport: https://transport.ec.europa.eu/facts-fundings_en

# Kategorija 4 – Ewropa soċjali u inklużiva

## *Il-kisba ta' Ewropa aktar inklużiva billi jiġu sfruttati t-talenti reġjonali*

Il-Kategorija 4 tiffoka fuq proġetti b'appoġġ għall-Objettiv ta' Politika 4, biex tinkiseb Ewropa aktar soċjali u inklużiva billi jiġi implimentat il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

L-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-valuri tad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi. F'konformità ma' dan, l-UE qed tagħmel sforzi kbar fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni ta' kwalunkwe tip u t-tisħiħ tal-ugwaljanza fit-trattament tal-Ewropej kollha, inklużi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-migranti, u l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità. L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jiċċara li kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi ta' kwalunkwe raġuni bħas-sess, ir-razza, il-kulur, in-nazzjonalità, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tmur kontra l-valuri ta' Mudell Ewropew tas-Soċjetà u għandha tkun ipprojbita fl-UE.

F'konformità ma' dawn, l-20 prinċipju taħt il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali qed jiggwidaw lill-UE lejn Ewropa soċjali b'saħħitha li tkun ġusta, inklużiva u mimlija opportunitajiet għal kulħadd. Dan jinkludi opportunitajiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, u d-dritt għal protezzjoni u inklużjoni soċjali adegwati. Il-Pjan ta' Azzjoni sussegwenti għandu jiżgura li jintlaħqu tliet miri ambizzjużi sal-2030. L-ewwel, li mill-anqas 78 % tal-popolazzjoni ta' bejn 20 u 64 sena tkun f'impjieg; it-tieni, li mill-anqas 60 % tal-adulti kollha jipparteċipaw f'taħriġ kull sena; u t-tielet, li l-għadd ta' persuni f'riskju tal-faqar jew ta' esklużjoni soċjali jitnaqqas b'mill-anqas 15-il miljun persuna.

Il-fatturi ta' sfida madwar l-aġenda għall-ħiliet għall-Ewropa huma, fost l-oħrajn, il-proċediment tal-bidla demografika lejn soċjetà li qed tixjieħ u l-kriżijiet globali li jħallu impatt fuq l-Ewropa. Aktar minn tliet kwarti tal-kumpaniji fl-UE jgħidu li għandhom diffikultajiet biex isibu ħaddiema bil-ħiliet meħtieġa; b'mod partikolari, dan jikkonċerna l-impjiegi fl-industriji tat-teknoloġija avvanzata u d-diġitalizzazzjoni. Il-bidla rapida lejn Ewropa newtrali għall-klima u t-trasformazzjoni diġitali qed ibiddlu l-mod kif naħdmu, nitgħallmu, nieħdu sehem fis-soċjetà u ngħixu l-ħajja tagħna ta' kuljum. Għall-Ewropa din hija opportunità biex issir aktar soċjali u inklużiva jekk in-nies tagħha jiżviluppaw il-ħiliet it-tajba.
Sabiex issir soċjetà aktar soċjali u inklużiva, l-UE twessa' wkoll l-aġenda tagħha u tiffinanzja pereżempju proġetti f'konformità mal-għanijiet ta' akkomodazzjoni soċjali u affordabbli jew biex tappoġġa kura tas-saħħa aħjar.

Qed infittxu proġetti tajbin li jikkontribwixxu għal soċjetà aktar inklużiva b'mod ġenerali, in-nondiskriminazzjoni ta' kwalunkwe persuna, u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-UE u lil hinn minnha. B'mod partikolari, il-proġetti għandhom ikunu ta' appoġġ għall-20 prinċipju kif ukoll għat-tliet miri tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Dan jista', pereżempju, jinvolvi

attivitajiet fis-suq tax-xogħol, fis-settur tal-edukazzjoni, fil-komunitajiet lokali u fin-networks internazzjonali. B'mod espliċitu, il-proġetti għandhom juru innovazzjoni f'termini ta' trawwim tal-inklużjoni attiva ta' persuni diskriminati jew ta' persuni fir-riskju ta' diskriminazzjoni, l-iffaċilitar tar-riintegrazzjoni ta' persuni żvantaġġati fis-suq tax-xogħol, il-kontribut għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-diversità permezz ta' strateġiji ta' ġestjoni, jew il-ħolqien ta' impjiegi matul il-ħidma ta' integrazzjoni u l-isforzi kontra d-diskriminazzjoni. Barra minn hekk, huma milqugħa proġetti li jimpenjaw ruħhom fil-kura tat-tfal, l-anzjani, jew fil-kura tas-saħħa b'mod aktar ġenerali u jikkontribwixxu għal bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

Referenzi utli:

- Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE: https://ec.europa.eu/info/aid-development-cooperation-fundamental-rights/your-rights-eu/eu-charter-fundamental-rights_mt
- Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali: https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/economy-works-people/jobs-growth-and-investment/european-pillar-social-rights_en
- Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali: https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/economy-works-people/jobs-growth-and-investment/european-pillar-social-rights/european-pillar-social-rights-action-plan_en
- DĠ JUST, Ugwaljanza bejn il-Ġeneri: https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/gender-equality_mt

# Kategorija 5 – Ewropa Eqreb taċ-Ċittadini

*It-trawwim tal-iżvilupp sostenibbli tat-tipi kollha ta' territorji*

Il-Kategorija 5 tiffoka fuq proġetti b'appoġġ għall-Objettiv ta' Politika 5, biex jitrawwem l-iżvilupp sostenibbli u integrat tat-tipi kollha ta' territorji u inizjattivi lokali.

L-Unjoni Ewropea hija impenjata għall-iżvilupp sostenibbli u integrat taż-żoni urbani, rurali u kostali permezz ta' inizjattivi lokali. Kruċjali għall-kisba tal-koeżjoni Ewropea huwa li jingħelbu l-isfidi multitematiċi għal żvilupp reġjonali integrat fis-setturi kollha. Bl-introduzzjoni ta' dan l-Objettiv ta' Politika trażversali, l-UE għandha l-għan li tirrikonoxxi l-importanza ta' strateġiji ta' investiment integrati mmirati lejn skali territorjali differenti – pereżempju bliet, żoni rurali, żoni metropolitani u reġjuni funzjonali) fejn in-nies jaħdmu, jgħixu u jivvjaġġaw kuljum.

L-UE għandha l-għan li tirrispondi għal dawn l-isfidi identifikati f'ċertu territorju, li għalihom il-partijiet ikkonċernati lokali jiżviluppaw soluzzjonijiet lokali. Li jkun hemm fokus territorjali espliċitu jfisser li l-ħtiġijiet, l-isfidi u l-opportunitajiet għall-iżvilupp iridu jaqblu mal-iskala spazjali u l-kuntest territorjali xierqa. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi r-rwol tal-bliet żgħar u ta' daqs medju u tal-approċċi taż-żona funzjonali bħala forzi ta' xprun importanti għall-attraenza u l-iżvilupp reġjonali u rurali billi joħolqu effettivi sekondarji pożittivi bejn iż-żoni urbani u territorji oħra, u jsaħħu r-rabtiet bejn iż-żoni urbani u rurali.

Matul il-perjodu 2021-2027, f'kull Stat Membru mill-anqas 8 % tar-riżorsi tal-FEŻR jitwarrbu għall-bliet ta' kull daqs u ż-żoni metropolitani u funzjonali tagħhom permezz ta' strateġiji ta' żvilupp territorjali u/jew lokali, jiġifieri bl-użu ta' Investiment Territorjali Integrat (ITI), Żvilupp Lokali mmexxi mill-Komunità (CLLD) iżda wkoll għodod simili li jappoġġaw approċċi integrati mfassla mill-Istati Membri. L-istrateġiji territorjali jipprovdu l-opportunità li tinbena l-kapaċità u li jinbdew azzjonijiet lokali li jikkontribwixxu għall-politiki Ewropej, inklużi t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Qed infittxu proġetti tajbin li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' strateġiji lokali u reġjonali, bħal, pereżempju, strateġiji ta' Żvilupp Urban Sostenibbli (SUD) jew strateġiji ta' żvilupp territorjali u lokali. Il-proġetti jistgħu juru wkoll oqsma speċifiċi ta' titjib għall-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u jappoġġaw il-bini tal-kapaċitajiet. Il-proġetti għandhom l-għan li jgħinu lir-reġjun jaffronta sfidi speċifiċi ta' żvilupp f'żona jew f'territorju urban funzjonali u jiżviluppaw soluzzjonijiet speċifiċi bbażati fuq il-post għaċ-ċittadini.

Referenzi utli

- L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej: https://commission.europa.eu/about-european-commission/get-involved/european-citizens-initiative_mt
- Il-Koeżjoni Territorjali: https://ec.europa.eu/regional_policy/policy/what/territorial-cohesion_en
- Il-Manwal tal-Istrateġiji għall-Iżvilupp Urban: https://urban.jrc.ec.europa.eu/urbanstrategies/territorial-focus#the-chapter

- Il-Manwal tal-Istrateġiji għall-Iżvilupp Territorjali u Lokali: https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC130788

# Kriterji ta' Eliġibbiltà u tal-Premjijiet

## Kriterji ta' eliġibbiltà

L-applikazzjonijiet kollha għall-Premjijiet REGIOSTARS għandhom jissodisfaw il-**kriterji ta' eliġibbiltà** li ġejjin:

a) L-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa permezz tal-pjattaforma online tar-REGIOSTARS sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2024, 23:59:59 CET.

b) L-applikazzjonijiet iridu jkunu f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE.

c) L-applikazzjoni għandha tinkludi ittra ta' approvazzjoni tal-Awtorità ta' Ġestjoni rilevanti. L-ittra ta' approvazzjoni – formola ta' approvazzjoni mimlija ffirmata mill-kap tal-Awtorità ta' Ġestjoni jew email bl-informazzjoni ekwivalenti mill-Kap tal-Awtorità ta' Ġestjoni li tikkonferma l-approvazzjoni – għandha tittella' bħala PDF flimkien mal-applikazzjoni. (Jekk jogħġbok innota li huwa possibbli li jiġu sottomessi sa ħames proġetti għal kull programm. L-Awtorità ta' Ġestjoni hija responsabbli biex tirrispetta l-limitu.)

d) L-applikazzjoni għandha tirreferi għal proġett li jkun irċieva kofinanzjament mill-UE mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, mill-Fond ta' Koeżjoni, mill-Fond Soċjali Ewropew, mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta jew proġett li jkun irċieva finanzjament mill-UE taħt kwalunkwe linja tal-programmi Interreg, li ma bediex qabel l-1 ta' Jannar 2014.

e) Jiġu kkunsidrati biss proġetti kompluti. Proġett komplut huwa proġett li jkun wettaq l-attivitajiet kollha ppjanati, ikun irċieva l-kontribuzzjoni finanzjarja finali tiegħu u jkun ġie ddikjarat magħluq mill-benefiċjarju tal-proġett u/jew mill-Awtorità ta' Ġestjoni.

f) Il-proġett irid jirreferi b'mod ċar għal waħda mill-5 kategoriji ta' premjijiet. L-istess proġett ma jistax jiġi sottomess għal diversi kategoriji.

## Kriterji tal-Premjijiet

L-applikazzjonijiet eliġibbli kollha se jiġu vvalutati mill-ġurija tar-REGIOSTARS skont il-**kriterji tal-premjijiet** li ġejjin:

| | |
|---|---|
| Koeżjoni | Il-kontribut tal-proġett għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali b'mod ġenerali; b'perspettiva suprareġjonali għal Ewropea. Il-valur miżjud ta' proġett fir-rigward tal-koeżjoni se jiġi evalwat hawnhekk. |
| Impatt | L-impatt lokali u reġjonali tal-proġett u l-kwalità tar-riżultati finali. Il-proġett kif biddel xi ħaġa għall-aħjar fir-reġjun tiegħu? |
| Innovazzjoni | Il-karattru innovattiv tal-proġett fil-loġika tal-kategorija tal-premju magħżula. X'hemm ġdid? X'ma sarx qabel? L-innovazzjoni tista' tinftiehem f'termini ekonomiċi, soċjali u/jew ekoloġiċi. |
| Sostenibbiltà | Il-potenzjal tal-proġett li jdum fil-futur, f'termini ta' sostenibbiltà ekonomika. Għandhom jintwerew l-isforzi tal-proġett biex jgħix lil hinn mill-ħajja attwali tal-proġett. |
| Ċittadini | Kif iċ-ċittadini u l-atturi tas-soċjetà ċivili kienu involuti fl-iżvilupp u/jew fl-implimentazzjoni tal-proġett. |

| | |
|---|---|
| Trasferibbiltà | Il-potenzjal tal-proġett li jiġi trasferit lejn reġjuni oħra fl-Ewropa u, fl-aħjar każ, li jiġi mkabbar u estiż madwar l-Unjoni Ewropea. |

# Skeda taż-żmien

| **Avveniment** | **Data** |
|---|---|
| Tnedija tal-kompetizzjoni | nofs Frar |
| Data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet | Il-Ġimgħa 31 ta' Mejju |
| Informazzjoni dwar il-kontroll tal-eliġibbiltà | It-Tnejn 17 ta' Ġunju |
| Tħabbir tal-finalisti | nofs Lulju (id-data eżatta għandha tiġi kkonfermata) |
| Bidu tal-Votazzjoni Pubblika | It-Tnejn 2 ta' Settembru |
| Taħriġ online dwar il-preżentazzjoni tal-proġett lill-finalisti | Matul il-ġimgħa 38 (16-20 ta' Settembru) |
| Preżentazzjoni u diskussjoni tal-finalisti mal-ġurija | It-Tlieta 8 ta' Ottubru |
| Tmiem tal-votazzjoni pubblika | It-Tlieta 8 ta' Ottubru |
| Ċerimonja tar-REGIOSTARS | L-Erbgħa 9 ta' Ottubru (fi Brussell) |
| Kampanji lokali mar-rebbieħa | Mill-1 ta' Diċembru 'il quddiem |

# Tabella ta' Konverżjoni

Il-proġetti għandhom japplikaw fil-kategorija li tikkorrispondi għall-objettiv ta' politika li taħtu jkunu ġew iffinanzjati. Għall-proġetti ffinanzjati matul il-perjodu 2014-2020, l-applikanti għandhom jirreferu għall-kategorija tal-kompetizzjoni li tikkorrispondi għall-objettiv tematiku li taħtu ġew iffinanzjati kif indikat fit-tabella.

| **Objettivi Tematiċi 2014-2020** | **Objettivi ta' Politika 2021-2027** |
|---|---|
| OT 1; OT 2; OT3; | OP1- Ewropa aktar kompetittiva u aktar intelliġenti |
| OT4; OT5; OT6 | OP2- Ewropa aktar ekoloġika u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju |
| OT7 | OP3- Ewropa aktar konnessa |
| OT8, OT9, OT10 | OP4- Ewropa Aktar Soċjali |
| ITI, CLLD, UIA | OP5- Ewropa Eqreb taċ-ċittadini |

Il-proġetti mill-perjodu 2014-2020 li jaqgħu taħt l-Objettiv Tematiku 11 għandhom jitqiegħdu f'waħda mill-ħames kategoriji skont is-suġġett speċifiku tagħhom.